MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Talba Numru. 825/2009

Percius Car Hire Company Limited.

Vs

Charles Sammut (Id. 491167M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u tmien ewro u hamsa u tmenin centezmu (€408.85) minghand il-konvenut, rapprezentanti prezz ta' kiri ta' karozza Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni JAK 391, minghand is-socjeta' attrici, inkluz danni u tlett citazzjonijiet, liema ammont baqa ma thallasx mill-konvenut. Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba mija u tmien ewro u hamsa u tmenin centezmu (€408.85). L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------